MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 4/2007

**Kawża Nru: 35**

**Rikors Ġuramentat Nru: 4/07 JA.**

**Avukat Dottor Christopher Cilia LL.D. (I.D. 121268M) bħala mandatarj speċjali għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti A B nee' C.**

**-vs-**

**D B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-8 ta' Jannar, 2007 li permezz tiegħu l-attur nomine espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma l-fatti kollha kif esposti f'dan ir-rikors ġuramentat skond kif minnu kostatati (in parte) u kif lilu ndikati mill-assenti A B:

1. Illi l-esponenti huwa awtorizzat biex jirrappreżenta
lill-assenti A B nee’ C a tenur tal-prokura li qed tiġi hawn annessa bħala Dok. “A”.

2. Illi l-assenti A B nee’ C u l-konvenut iżżewġu fil-15 ta’ Diċembru, 2003 (*vide* ċertifikat taż-żwieġ hawn anness bħala Dok. “A”) u miż-żwieġ tagħhom huma ma kellhomx ulied.

3. Illi l-assenti A B nee’ C iżżewġet lill-konvenut għal raġunijiet ta’ konvenjenza u minħabba raġunijiet dettati miċ-ċirkostanzi tagħha ta’ dak iż-żmien.

4. Illi l-assenti A B nee’ C ma żżewġitx bil-ħsieb illi mal-konvenut tibni familja anzi eskludiet li jkollha ulied miż-żwieġ minn mal-konvenut, u dan kif se jiġi spjegat b’mod iżjed ampju waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawża.

5. Illi l-assenti A B nee’ C ikkuntrattat dan iż-żwieġ bl-esklużjoni ta’ elementi fundamentali taż-żwieġ innifsu fosthom il-prokreazzjoni u t-tiswir ta’ familja.

6. Illi wkoll bejn il-kontendenti qatt ma kien hemm ebda diskussjoni serja dwar dawk li huma d-dmirijiet, id-drittijiet u r-responsabilitajiet tal-ħajja miżżewġa u kien hemm ukoll diverġenzi kbar dettati anke mill-fatt illi l-kontendenti jħaddnu reliġjonijiet differenti peress li filwaqt li l-konvenut huwa Kattoliku l-assenti A B nee’ C hija Musulmana.

7. Illi għaldaqstant iż-żwieġ kuntrattat bejn il-kontendenti fil-15 ta’ Novembru, 2003 huwa wieħed null u bla ebda effett u dan ai termini tal-provvedimenti ta’ l-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta’ Malta b’mod ġenerali u b’mod partikolari ai termini tal-paragrafi (d) u/jew (f) ta’ l-imsemmi Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex m’għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(i) tiddikjara u tiddeċiedi li ż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti fil-15 ta' Novembru, 2003 huwa null u bla ebda effett skond il-liġi u dan a tenur tal-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta u b'mod partikolari a tenur tal-provedimenti tal-paragrafi (d) u/jew (f) ta' l-istess Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta u b'mod partikolari a tenur tal-provedimenti tal-paragrafi (d) u/jew (f) ta' l-istess Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) konsegwentement tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taż-Żwieġ relattiv tal-kontendenti.

Il-konvenut huwa minn issa stess inġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut ma ppreżentax risposta u allura huwa kontumaċji skond il-liġi.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits ta' l-attriċi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Ġunju, 2007 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fil-15 ta' Diċembru, 2003 a bażi ta' l-Artiklu 19 (1) (a), (d) u (f) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenut huwa kontumaċji u ma ressaqx provi. Naturalment, kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi*

*kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'każ ta' ammissjoni u allura *multo magis* f'każ ta' kontumaċja.

L-artikli ċitati mill-attriċi jirrigwardjaw is-sub-inċiżi (d) u (f) ta' l-Artiklu 19 (1) li jsemmu l-kunsens vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni u kunsens miksub bl-esklużjoni pożittiv taż-żwieġ jew ta' xi element essenzjali tiegħu.

Il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi li tressqu ma hemmx l-iċken dubbju li ż-żwieġ għandu jkun dikjarat null. Ir-relazzjoni bejn il-partijiet kienet anomala għall-aħħar għalkemm forsi normali meta waħda mill-partijiet ikunu barranin. L-attriċi *ex admissis* ma riditx li jkollha tfal miż-żwieġ u jidher ukoll li żżewġet biex titlaq minn pajjiżha għax kienet imdejqa. Barra minn hekk riedet tiżżewweġ Malti biex ikollha l-opportunita' ikollha ċ-ċittadinanza. Għalhekk jirriżultaw l-estremi ta' l-Artiklu 19 (1) (f). Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza Anna B vs John Walsh, żwieġ li jsir bl-intenzjoni li jeskludi t-tfal huwa null.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba ta' l-attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ bejn il-kontendenti kontrattat fil-15 ta' Diċembru, 2003. L-ispejjeż ikunu a kariku ta' l-attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------